MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 333/2011

**F. Advertising Limited C 27689**

**Vs**

**Raymond Axiaq**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €3758 (tlett elef seba' mija u tmienja u hamsin euro) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut a tenur ta' skrittura privata datata 26 ta' Novembru 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tal-Art 166A tal-Kap 12 u mandat u sekwestru tal-20 ta' Gunju 2011 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-imsemmija atti gudizzjarji kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Mejju 2012 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €3758.00 bl-imghax legali mill-20 ta’ Gunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta‘ sekwestru tal-20 ta’ Gunju 2011, imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------